MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Avviz Numru. 61/2011

**Fl-atti ta' l-Avviz Nru. 436/04 fl-ismijiet:**

**James Camilleri & Son Limited**

**Vs**

**Guido Agius Furniture Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà rikorrenti fl-1 ta' Marzu 2011 permezz ta' liema tippermetti li b'sentenza fl-ismijiet "James Camilleri & Son Limited vs Guido Agius Furniture Limited" Avviz numru 436/04DM deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2004, hi giet kanonizzata kreditrici tas-socjetà intimata fis-somma ta' tmint elef seba' mija u tnejn u tletin Euro (€8,732.00), oltre imghaxijiet u spejjez. Peress illi ghaddew iktar minn hames snin minn meta tali titolu ezekuttiv seta' jigi esegwit u s-socjetà konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, titlob li din il-Qorti tordna li jigu ravvivati d-drittijiet

taghha fil-konfront tas-socjetà intimata u b'hekk il-kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u jkun jista' jigi esegwit kontra l-istess socjetà intimate;

Rat li b' Digriet Taghha tas-7 ta' Marzu 2011 li r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-4 t' April 2011 fid-09:30a.m., u gie ordnat li l-istess Rikors u Digriet jigu notfikati lis-socjetà intimata bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-Risposta;

Rat illi r-Rikors u d-Digriet imsemmija gew debitament notifikati lis-socjetà intimata izda naqset milli tipprezenta Risposta entro t-terminu prefiss u lanqas dehret ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors promotur gie debitament ikkonfermat bil-gurament mill-Avukat Dottor Simon Galea Testaferrata;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi t-titolu ezekuttiv tas-socjetà rikorrenti fil-konfront tas-socjetà intimata nascenti mis-sentenza fl-ismijiet "James Camilleri & Son Limited vs Guido Agius Furniture Limited" Avviz numru 436/04 DM deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2004, seta' jigi esegwit fil-konfront taghha.

Illi l-Avukat Dottor Simon Galea Testaferrata ikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimata u li dan id-dejn ghadu dovut.

Illi s-socjetà intimata ma kkontestax ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti billi ma ipprezentax Risposta entro t-terminu lilha prefiss u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur

ta’ l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tilqa’ it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra s-socjetà intimata, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront taghha nascenti mis-sentenza fl-ismijiet “James Camilleri & Son Limited vs Guido Agius Furniture Limited” Avviz numru 436/04 DM deciza minn din il-Qorti fid-19 ta’ Novembru 2004, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjetà intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------